



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2023
(OR. en)

6090/23

SAN 57
PHARM 16
DEVGEN 26
ACP 14
RELEX 150

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni mill-Presidenza biex tmexxi l-iskambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali fil-Kunsill EPSCO (Saħħa) tal-14 ta' Marzu 2023.

Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali

Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat **Komunikazzjoni dwar Strateġija ġdida tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa Aħjar għal Kulħadd f'Dinja li qed Tinbidel**¹ (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Istrateġija). L-Istrateġija tirrikonoxxi s-saħħa globali bħala pilastru essenzjali tal-politika esterna tal-UE u, bħala tali, tidentifikaha bħala qasam ġeopolitiku kritiku. Il-messaġġ prinċipali tal-komunikazzjoni huwa li l-UE għandha l-intenzjoni li tasserixxi mill-ġdid ir-responsabbiltà tagħha u li ssaħħaħ it-tmexxija tagħha sabiex tikseb l-ogħla standards tas-saħħa possibbli abbażi ta' valuri fundamentali, fosthom is-solidarjetà, l-ekwità, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-komunikazzjoni tissostitwixxi l-Istrateġija għas-Saħħa Globali preċedenti ppubblikata fl-2010. Huwa meħtieġ approċċ ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-saħħa globali attwali u futuri fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u theddid ieħor għas-saħħa bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi, is-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tevolvi u l-kriżi tas-saħħa u umanitarja kkawżata mill-gwerra fl-Ukrajna. Dan huwa meħtieġ ukoll sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

L-Istrateġija tirrappreżenta d-dimensjoni esterna tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, li tipproteġi l-benesseri tal-Ewropej u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa tagħhom. Hija wkoll komponent ewlieni tal-Global Gateway, li jibni sħubijiet bejn partijiet ugwali ma' pajjiżi sħab abbażi ta' responsabbiltà konġunta u sjieda konġunta. L-Istrateġija tenfasizza wkoll l-importanza ta' approċċ ta' "saħħa fil-politiki kollha" biex tiġi promossa s-saħħa fis-setturi rilevanti kollha. L-Istrateġija l-ġdida tidentifika tliet priyoritajiet: it-twettiq ta' saħħa u benessere aħjar tan-nies tul il-ħajja kollha; it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u l-progress fil-kopertura tas-saħħa universali; u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid għas-saħħa, inkluż il-pandemiji, bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' Saħħa Waħda.

¹ 15585/22

L-Istrateġija għandha 20 prinċipju gwida li jagħtu dettalji tal-ħtiġijiet u l-miżuri meħtieġa f'oqsma speċifiċi. Dawn jinkludu l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-mard, il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni, it-tisħiħ tar-riċerka, l-indirizzar tal-iżbilanċi fil-forza tax-xogħol, l-indirizzar b'mod aktar effettiv tal-kwistjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, it-tisħiħ tal-finanzjament tal-UE għas-saħħa globali, il-valutazzjoni tal-progress u l-iżgurar tar-responsabbiltà. Il-pjan ta' ħidma L-UE għas-Saħħa 2023 fih attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

Il-kwistjoni tas-Saħħa Globali diġà kienet kemm-il darba fuq l-aġenda tal-Ministri għas-Saħħa, bħal matul il-**Kunsill EPSCO (Saħħa)** f'Ġunju 2022. F'dik l-okkażjoni, il-Ministri enfasizzaw l-importanza tat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, it-tħejjija għall-kriżijiet fil-qasam tas-saħħa u r-rispons għalihom u l-promozzjoni tal-approċċ Saħħa Waħda. Il-ministri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li tissaħħa l-inflwenza tal-UE fuq is-saħħa fix-xena internazzjonali u li tiġi promossa l-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti tal-UE.

L-Istrateġija tirrappreżenta t-twessigħ tal-enfasi fuq is-salvataġġ tal-ħajjiet u t-tnaqqis tat-tixrid tal-mard biex tkopri wkoll il-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri. L-Istrateġija tikkostitwixxi wkoll approċċ ġdid għall-mobilizzazzjoni tal-oqsma ta' politika u l-istrumenti rilevanti disponibbli għal Tim Ewropa. Barra minn hekk, toffri opportunitajiet biex tiġi żviluppata l-kooperazzjoni tal-UE mas-sħab globali, reġjonali u bilaterali madwar id-dinja permezz ta' sħubijiet ibbażati fuq ugwaljanza, sjieda konġunta, interess reċiproku u priyoritajiet strateġiċi. Id-diskussjoni fil-Kunsill EPSCO (Saħħa) tal-14 ta' Marzu 2023 tipprovdi lill-Ministri għas-Saħħa bl-opportunità li jiskambjaw fehmiet dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Presidenza temmen li huwa importanti li tisma' l-opinjonijiet tal-Istati Membri kollha f'dak li għandu x'jaqsam mas-sejbien ta' sinerġiji bejn l-inizjattivi tas-saħħa fil-livell tal-UE, bħall-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, l-Istrateġija Farmaċewtika u l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa ppjanat, u l-attivitajiet fil-livell globali. Il-Presidenza temmen li huwa importanti li jsir skambju ta' fehmiet dwar kif l-aħjar tista' tiġi implimentata l-Istrateġija.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin matul id-dibattitu:

Mistoqsija 1: Liema sinerġiji tara bejn l-inizjattivi fil-qasam tas-saħħa pubblika fil-livell tal-UE u dawk fil-livell globali? Taħseb li hemm bżonn li jissaħħu dawn is-sinerġiji? Jekk iva, kif jistgħu jissaħħu?

Mistoqsija 2: Liema aspetti, għodod u azzjonijiet ikunu importanti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali?